VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,708, 3 ta' Jannar, 2017
Taqsima B

A.L. 1 tal-2017

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regoli tal-2017 li jemendaw ir-Regoli dwar Impjiegi Kwalifikanti fl-Avjazzjoni (Taxxa Personali)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 56(21) u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru għall-Finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli huwa r-Regoli tal-2017 li jemendaw ir-Regoli dwar Impjiegi Kwalifikanti fl-Avjazzjoni (Taxxa Personali), u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli dwar Impjiegi Kwalifikanti fl-Avjazzjoni (Taxxa Personali), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali". L.S. 123.168

(2) Dawn ir-regoli għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2017.

Temenda r-regola 6 tar-regoli prinċipali.

2. Minnufih wara s-subregola (3) tar-regola 6 tar-regoli prinċipali, għandha tiżdied is-subregola ġdida li ġejja:

"(4) Minkejja kull ħaġa xort'oħra li tinsab f'dawn ir-regoli, kull persuna li taqa' taħt id-dispożizzjonijiet tas-subregola (1) jew is-subregola (2) tkun, irrispettivament jekk tkunx għażlet li tibbenefika mid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regoli jew le, eliġibbli, wara applikazzjoni, għal estensjoni ta' darba ta' ħames snin jew erba' snin rispettivament mal-perjodu kwalifikanti tagħha, sakemm tibqa' konformi mad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regoli:

Iżda l-eliġibbilità taħt dawn ir-regoli m'għandhiex teċċedi perjodu konsekuttiv ta' għaxar snin li jibda mill-ewwel sena ta' stima li fiha dik il-persuna tkun l-ewwel suġġetta għat-taxxa skont id-dispożizzjonijiet tal-Att.".